MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 74/2014

**Bonello Joseph ID. 473054M**

**Ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta 'Superior Diesel Services'**

**Vs**

**Brian Constructions Limited**

**C 34492**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Frar, 2014 illi dan it-Tribunal jigi mitlub jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u sebgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu (€937.76), rapprezentanti din is-somma dak dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attrici skont il-fattura datata 7 ta' Awwissu, 2012 bin-numru 11172, bhala prezz, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal xoghol maghmul, servizzi rezi u parts suppliti lilha. Ghalkemm is-socjeta'

konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan il-kont, hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data 'illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta 'n subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2014 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u sebgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu (€937.76), bl-imghax legali mid-data li tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------